# ID-DAWL

LULJU 2023 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 67

"In-nisa tagħkom huma libsa għalikom, u intom libsa għan-nisa tagħkom."




Is-Sisien tal-Paċi | Ħajja Miżżewġa Feliċi | Il-Benesseri tal-Familja | Libsa għal Xulxin

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

## Editorjal

# IS-SISIEN TAL-PAĊI

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Jiena tassew nemmen li l-paċi fis-soċjetà tiddependi mill-paċi fi djarna u fil-familji tagħna. Barra minn hekk, is-serenità fi djarna u familji sani jwasslu għas-suċċess, il-prosperità, il-kumdità u aktar affarijiet tajbin. Il-Mexxej Spiritwali tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], enfasizza, fil-qosor, l-importanza ta' familji sani u paċifiċi, u stqarr:

"Is-sisien fundamentali għall-paċi fis-soċjetà huma t-trankwillità u l-armonija fid-djar tagħna. Is-sitwazzjoni fid-dar m'għandhiex limiti, iżda għandha effett indirett fuq il-paċi fl-akkwati, li mbagħad timpatta fuq il-paċi tal-belt jew raħal.

Jekk hemm l-inkwiet fid-dar dan jaffettwa b'mod negattiv lill-akkwati li mbagħad jaffettwa lill-belt jew raħal. Bl-istess mod, il-qagħda tal-belt jew raħal taffettwa l-paċi tal-pajjiż kollu u finalment l-istat ta' nazzjon jaffettwa l-paċi u l-armonija tar-reġjun jew tad-dinja kollha."

F'din l-edizzjoni ta' **Id-Dawl** se nkunu qed niddiskutu s-suġġett tal-familja skont il-perspettiva Iżlamika biex intejbu l-benesseri tal-familja.


## ID-DAWL

LULJU 2023 – Numru 67
Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**


## INDEX


| | |
|---|---|
| The foundations of peace | 02 |
| Happy married life | 03 |
| Two best friends | 05 |
| The welfare of the family | 06 |
| A role model | 06 |
| Dress for each other | 07 |



**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Shofiqul Islam Rana | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# ĦAJJA MIŻŻEWĠA FELIĊI




L-Iżlam, bħala reliġjon kompleta u valida għal kull żmien u post, ipprovda soluzzjoni għal kull problema u kwistjoni. Fost it-temi li l-Iżlam indirizza b'reqqa kbira hemm il-ħajja fiż-żwieġ. Kemm il-Koran Imqaddes kif ukoll il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] – li kien l-inkorporament perfett tat-tagħlim Koraniku, enfasizzaw li s-sisien ta' żwieġ li jirnexxi għandhom ikunu mibnija fuq l-għożża, l-imħabba, is-solidarjetà, u l-kompassjoni.

> **"U wieħed mill-għeliem ta' Alla huwa dan, li Huwa ħoloq in-nisa għalikom minn fostkom ħalli tkunu tistgħu ssibu s-serħan il-moħħ fihom, u Huwa qiegħed l-imħabba u t-tenerezza bejnietkom. F'dan żgur hemm Sinjali għan-nies li jirriflettu."** (Il-Koran Imqaddes, 30:22)

Dan il-vers juri b'mod ċar li żwieġ feliċi u komplet huwa mezz 'għal serħan il-moħħ, l-imħabba, l-għożża, u l-kompassjoni'. Madanakollu, jekk koppja miżżewġa ma ssibx 'serħan il-moħħ u mħabba bla kundizzjoni' mela dan ifisser li ż-żwieġ huwa nieqes mit-tifsira, il-filosofija u l-objettiv vera tiegħu.

# KWALITAJIET POŻITTIVI

L-Iżlam iddiriġiehom ukoll biex dejjem jiffokaw fuq il-kwalitajiet pożittivi, fuq id-drawwiet tajba u fuq l-aqwa aspetti tal-karattri tagħhom; u li dejjem jissaportu n-nuqqasijiet ta' xulxin. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] enfasizza dan il-prinċipju tad-deheb li wieħed għandu jħares lejn il-kwalitajiet pożittivi aktar mid-dgħufijiet tal-persuna l-oħra, u qal:

> **"Fidil m'għandux jobgħod lil mara li temmen; jekk ma togħġbux waħda mill-karatteristiċi tagħha, mela għandu jkun kuntent b'oħra."**

## Tagħbija fraġli

Qabel il-miġja tal-Iżlam in-nisa kellhom drittijiet limitati jew xejn u għalhekk l-Iżlam ġab rivoluzzjoni li tat ħafna drittijiet lin-nisa. Dawn id-drittijiet bnew it-triq għal ħajja miżżewġa aħjar u aktar feliċi. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] dejjem widdeb lis-segwaċi tiegħu biex jieħdu ħsieb sewwa tan-nisa tagħhom. F'dan ir-rigward huwa kien persuna eżemplari. Darba kien qed jivvjaġġa u tifel żgħir kien qed iħarrek sewwa l-iġmla; il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qallu, **"Bil-mod, bil-mod, għaliex għandna tagħbija fraġli (nisa) fuq l-iġmla."**

## Dmirijiet u drittijiet

Biex ikun hemm żwieġ feliċi mibni fuq il-paċi, l-Iżlam ikkjarifika d-dmirijiet u d-drittijiet kemm tar-raġel kif ukoll tal-mara. L-Iżlam jgħallem li jekk irid ikun hemm soċjetà paċifika, mela kulħadd irid ikollu d-drittijiet tiegħu u kulħadd irid iwettaq id-dmirijiet tiegħu. Dan juri, mill-bidu nett taż-żwieġ, li huwa evidenti li l-irġiel u n-nisa huma ugwali, u li nħolqu minn ruħ waħda, u għalhekk it-tnejn għandhom l-istess kwalitajiet. B'hekk, it-tnejn iridu jħabirku biex iwettqu dmirijiethom sewwa ħalli l-ħajja fil-familja tagħhom tkun waħda ideali u feliċi.

# ŻEWĠT IĦBIEB TAL-QALB

Ħbiberija soda hija rabta b'saħħitha bejn tnejn min-nies. Għal din ir-raġuni, l-istess relazzjoni amikevoli għandha tinbena bejn raġel u mara. Din, madanakollu, għandha titwaqqaf wara ż-żwieġ. Fiż-żminijiet tal-lum, raġel u mara jkollhom din ir-relazzjoni qabel ma jiżżewġu. Madanakollu l-istħarriġ juri li dawn iż-żwiġijiet għandhom persentaġġ ogħla li jitfarrku.

Fl-Iżlam, wieħed jiżżewweġ fid-dell ta' Alla u għas-sodisfazzjon Tiegħu. Jekk it-tnejn, kemm ir-raġel kif ukoll il-mara, iżommu din f'moħħhom li qed jiżżewġu għal Alla u skont it-tagħlim u l-kmandamenti Tiegħu, mela l-ħajja tal-familja tagħhom tkun mezz ġenwin ta' kuntentizza, sodisfazzjon u paċi.



Vitaly_Vision|Shutterstock

# IL-BENESSERI TAL-FAMILJA

Il-benesseri tal-familja huwa essenzjali għal dawk il-komunitajiet, soċjetajiet u nazzjonijiet li qegħdin jagħmlu progress. Dawk il-familji li jieħdu deċiżjonijiet għaqlin, jimmaniġġaw il-ħtiġijiet bażiċi tagħhom, u jaffaċċjaw kwistjonijiet jaħarqu umani u komunitarji huma mgħammra aħjar biex ikollhom ħajja sana u feliċi. Għadd ta' fatturi jistgħu jaffettwaw il-benesseri tal-familja, u l-investimenti fil-familji jikkontribwixxu b'mod sinifikattiv għall-iżvilupp spiritwali, soċjali u ekonomiku ta' kull pajjiż.

## L-onestà u l-fiduċja

Nixtieq nagħmel enfasi fuq xi prinċipji bażiċi u ewlenin għat-tisħiħ tan-nukleu tal-familja u l-benesseri tagħha. Il-Koran Imqaddes għallimna biex inqiegħdu l-onestà u l-fiduċja bħala s-sisien tar-relazzjonijiet kollha tagħna. Alla Omnipotenti tana talba fil-Koran Imqaddes (25:75) li tgħid,

> **"Mulej tagħna! Agħmel min-nisa tagħna u wliedna d-delizzju ta' għajnejna, u agħmilna mudell u mexxejja tal-ġusti."**

## Mudell eżemplari

Dan ifisser li, il-prinċipji importanti tal-onestà, il-moralità, il-virtujiet, il-pożittività u l-pjetà huma l-fatturi ewlenin għal bini ta' familji b'saħħithom, prosperi, u vibranti. Il-kliem **'agħmilna mudell eżemplari u mexxejja tal-ġusti'**, huwa kliem importanti ħafna li wieħed irid jixtarr. Il-messaġġ ta' dan il-vers huwa li jekk verament irridu familji b'saħħithom, b'valuri u prinċipji sodi, jekk verament aħna nitħassbu dwar il-benesseri tal-familji tagħna, mela jrid ikollna valuri morali għoljin; mela rridu mmexxu bl-eżempju, mela għandna bżonn insiru persuni b'karattru sod u tajjeb.

Biex tissaħħaħ il-familja, kulħadd irid jagħmel ħiltu biex jeħles mill-arroganza, il-kburija, l-għira, eċċ. Minflok, ir-relazzjoni għandha tkun bħal ta' ħbieb vera u sinċiera. Aktar minn hekk, il-paċenzja u s-sabar huma ċ-ċavetta għal ħajja familjari paċifika u armonjuża.




## Libsa għal xulxin

Għall-benesseri tal-familja r-relazzjoni bejn il-ġenituri hija vitali u t-tnejn għandhom jikkumplimentaw lil xulxin f'kollox. It-tagħlim tal-Koran Imqaddes (2:188) f'dan ir-rigward huwa:

> **"In-nisa tagħkom huma libsa għalikom, u intom libsa għan-nisa tagħkom."**

Dan il-vers ifisser li fl-istituzzjoni taż-żwieġ, is-sodisfazzjon tal-pjaċir individwali u l-gratifikazzjoni emozzjonali mhuwiex l-għan aħħari, iżda l-għan huwa li jinħoloq ambjent armonjuż ta' fiduċja, rispett u mħabba bejn il-koppji u l-familji tagħhom.

## Ir-riformazzjoni taż-żgħażagħ

Nixtieq insemmi żewġ kwotazzjonijiet sbieħ, bħala prinċipji u għar-riflessjoni, għal familji aħjar u aktar b'saħħithom għall-futur. Napuljun darba qal: **"Agħtuni omm edukata, u jien inwegħedkom it-twelid ta' nazzjon ċivilizzat u edukat."**

It-tieni Kalif tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana pprovdielna prinċipju tad-deheb meta qal, **"In-nazzjonijiet qatt ma jistgħu jirriformaw mingħajr ir-riformazzjoni taż-żgħażagħ."**

Jekk verament nixtiequ l-ġid lill-familji tagħna mela rridu nirriformaw liż-żgħażagħ tagħna ħalli meta jwaqqfu l-familji tagħhom dejjem iżommu l-benesseri tal-familja f'moħħhom u f'qalbhom u parti integrali mill-prijoritajiet tagħhom.

# FIL-QOSOR

## TOBOGĦDUX

"La tgħirux għal xulxin! La tgħollux il-prezzijiet! La tobogħdux lil xulxin! Tagħtux daharkom lil xulxin! Tagħmilx l-offerta tiegħek waqt li żewġ naħat għaddejjin jinnegozjaw! Kunu tabilħaqq qaddejja ta' Alla, billi tkunu tabilħaqq aħwa!"*

## L-AĦJAR FOSTKOM

"L-aħjar fostkom huwa dak li huwa l-aħjar għal niesu; u jiena l-aħjar fost dawk li huma l-aħjar għal nieshom."*

## L-AKBAR VIRTÙ

"L-akbar virtù hija li titħabbeb ma' min qata' r-relazzjoni miegħek, u li tagħti lil min ma riedx jagħtik, u taħfer lil min għajrek."*

(*Diskorsi tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa])

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**